VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,456, 7 ta' Awwissu, 2020
Taqsima A

MALTA

ATT Nru XLI tal-2020

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT sabiex ikompli jimplimenta riformi fil-Qasam tal-Ġustizzja billi jipprovdi għall-istħarriġ ġudizzjarju ta' deċiżjonijiet li ma ssirx prosekuzzjoni u ta' deċiżjonijiet oħra tal-Avukat Ġenerali.

ACT No. XLI of 2020

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to continue implementing reforms in the Justice Sector by providing for the judical review of decisions not to prosecute and other decisions of the Attorney General.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **GEORGE VELLA**
President

7 ta’ Awwissu, 2020

ATT Nru XLI tal-2020

ATT sabiex ikompli jimplimenta riformi fil-Qasam tal-Ġustizzja billi jipprovdi għall-istħarriġ ġudizzjarju ta’ deċiżjonijiet li ma ssirx prosekuzzjoni u ta’ deċiżjonijiet oħra tal-Avukat Ġenerali.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f’dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b’liġi dan li ġej:

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta’ dan l-Att huwa l-Att tal-2020 dwar l-Istħarriġ Ġudizzjarju ta’ Deċiżjoni li ma Ssirx Prosekuzzjoni u ta’ Deċiżjonijiet Oħra fil-qasam tal-Prosekuzzjoni.

(2) Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ f’dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista’ jistabbilixxi b’avviż fil-Gazzetta, u jistgħu jiġu stabbiliti dati differenti għal għanijiet differenti u dispożizzjonijiet differenti ta’ dan l-Att.

Taqsima I
Emendi għall-Kostituzzjoni ta’ Malta

Emendi għall-Kostituzzjoni ta’ Malta.

2. Din it-Taqsima temenda l-Kostituzzjoni ta’ Malta u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Kostituzzjoni ta’ Malta, hawn iżjed 'il quddiem f’din it-Taqsima msejħa "il-Kostituzzjoni".

Emenda tal-artikolu 91 tal-Kostituzzjoni.

3. Fis-subartikolu (3) tal-artikolu 91 tal-Kostituzzjoni, il-kliem "l-Avukat Ġenerali ma jkunx soġġett għad-direzzjoni jew kontroll ta' ebda persuna jew awtorità oħra." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-Avukat Ġenerali għandu jkollu indipendenza kostituzzjonali u ma jkunx soġġett għad-direzzjoni jew kontroll ta' ebda persuna jew awtorità oħra ħlief sa fejn xi liġi tista' tipprovdi:

(a) għall-istħarriġ ġudizzjarju ta' deċiżjoni li ma ssirx prosekuzzjoni jew ta' deċiżjoni oħra meħuda mill-Avukat Ġenerali, fuq il-bażi ta' illegalità jew irraġjonevolezza; jew

(b) għall-eżami fil-mertu minn qorti fuq il-bażi ta' kriterji stabbiliti b'liġi ta' deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali li prosekuzzjoni għandha ssir f'qorti superjuri ta' ġuriżdizzjoni kriminali fejn il-piena li tkun tapplika tkun ogħla minn dik li kienet tkun tapplika għall-istess reat kieku l-proċess kellu jsir quddiem qorti inferjuri ta' ġuriżdizzjoni kriminali.".

Taqsima II
Emendi għall-Kodiċi Kriminali

Emendi għall-Kodiċi Kriminali. Kap. 9.

4. Din it-Taqsima temenda l-Kodiċi Kriminali u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Kodiċi Kriminali, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "il-Kodiċi".

Emenda tal-artikolu 541 tal-Kodiċi.

5. Minnufih wara s-subartikolu (3) tal-artikolu 541 tal-Kodiċi għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(4) (a) F'każijiet fejn għall-eżerċizzju tal-azzjoni kriminali d-deċiżjoni li ssir prosekuzzjoni tkun vestita fl-Avukat Ġenerali, kull parti offiża jkollha l-jedd li fi żmien xahar minn meta tkun taf jew setgħet tkun taf, skont liema tiġi l-ewwel, bid-deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali li ma ssirx prosekuzzjoni, titlob lill-Avukat Ġenerali bil-miktub biex jerġa' jikkunsidra d-deċiżjoni, filwaqt li tagħti r-raġunijiet.

(b) Jekk fi żmien xahar mit-talba għall-konsiderazzjoni mill-ġdid imsemmija fil-paragrafu (a) l-Avukat Ġenerali jew jinforma lill-parti offiża li huwa kien ikkunsidra mill-ġdid il-każ u ddeċieda li jikkonferma d-deċiżjoni tiegħu kontra l-bidu ta' prosekuzzjoni, jew jonqos milli jwieġeb lill-parti offiża, allura l-parti offiża jkollha l-jedd li tfittex l-istħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali li ma ssirx prosekuzzjoni skont kif provdut fl-artikolu 469B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

Kap. 12.

Iżda għall-finijiet ta' dan is-subartikolu, l-Awditur Ġenerali, il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, il-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni u l-Ombudsman, għandu jkollhom il-fakultà li jagħmlu kull talba u li jeżerċitaw kull azzjoni li skont dan is-subartikolu tispetta lill-parti offiża fejn huma jkunu rrapportaw att ta' korruzzjoni kif imfisser fl-Att dwar il-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni lill-Avukat Ġenerali.".

Kap. 326.

6. Il-proviso tas-subartikolu (6) tal-artikolu 569 tal-Kodiċi għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

Emenda tal-artikolu 569 tal-Kodiċi.

"Iżda fejn l-Avukat Ġenerali jkun ordna li ma għandhom jittieħdu l-ebda proċeduri, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4) tal-artikolu 541.".

Taqsima III
Emendi għall-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili

7. Din it-Taqsima temenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "il-Kodiċi".

Emendi għall-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.
Kap. 12.

8. Minnufih wara l-artikolu 469A tal-Kodiċi għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

Żieda ta' artikolu ġdid fil-Kodiċi.

"Stharriġ ġudizzjarju ta' deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali.

469B. (1) Meta l-Avukat Ġenerali jieħu deċiżjoni:

(a) li ma ssirx prosekuzzjoni skont is-setgħat mogħtija lilu minn xi liġi; jew

(b) li ma jurix jew ma jagħtix kopja ta' proċess verbali skont il-proviso tal-artikolu 518 tal-Kodiċi Kriminali,

Kap. 9.

il-qrati ta' ġustizzja ta' kompetenza ċivili għandhom ġuriżdizzjoni biex filwaqt li jagħtu konsiderazzjoni xierqa lill-indipendenza kostituzzjonali tal-Avukat Ġenerali, jistħarrġu l-validità ta' dik id-deċiżjoni u biex jiddikjaraw dik id-deċiżjoni nulla, invalida jew mingħajr effett u biex konsegwentement jibagħtu lura l-każ lill-Avukat Ġenerali biex jirrevedi dik id-deċiżjoni b'mod konformi mad-deċiżjoni tal-qorti biss f'każ ta' sejbien li dik id-deċiżjoni ma tkunx imsejsa kif jixraq fuq konsiderazzjonijiet ta' liġi jew li dik id-deċiżjoni tkun irraġonevoli in kwantu li ebda prosekutur raġonevoli ma kellu jasal għaliha.

(2) Kawża għall-istħarriġ ġudizzjarju ta' deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali kif provdut fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tista' ssir biss mill-parti offiża u kawża skont il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) għandha ssir mill-persuna li tagħmel it-talba fi żmien xahrejn minn meta l-parti offiża jew il-persuna li tagħmel it-talba ssir taf jew setgħet issir taf bid-deċiżjoni, skont liema żmien tiġi l-ewwel:

Iżda fejn il-liġi tkun tipprovdi għal proċedura li biha l-Avukat Ġenerali jkun jista' jintalab biex iwettaq reviżjoni tad-deċiżjoni, l-imsemmi żmien ta' xahrejn jibda jgħaddi mid-data li fiha l-parti offiża tiġi informata bir-riżultat ta' dik ir-reviżjoni:

Iżda wkoll għall-finijiet ta' dan l-artikolu, l-Awditur Ġenerali, il-Kummissarju ghall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, il-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni u l-Ombudsman għandu jkollhom l-fakultà li jagħmlu kull talba u li jeżerċitaw kull azzjoni li skont dan l-artikolu tispetta lill-parti offiża fejn huma jkunu rrapportaw att ta' korruzzjoni kif imfisser fl-Att dwar il-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni lill-Avukat Ġenerali.

Kap. 326.

(3) Ma jistax isir stħarriġ ġudizzjarju fejn ikun intlaħaq ftehim mal-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiż ieħor li l-qrati ta' dak il-pajjiż għandhom jeżerċitaw ġuriżdizzjoni dwar id-delitt.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 366 tad-29 ta' Lulju, 2020.

CLAUDETTE BUTTIGIEG
Deputy Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati